Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI

(COM(2021) 782 final — 2021/0411 (COD))

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II"), li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI u r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(COM(2021) 784 final — 2021/0410 (COD))

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza s-sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil

(COM(2021) 890 final — 2021/0427 (COD))

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera

(COM(2021) 891 final — 2021/0428 (COD))

(2022/C 323/12)

Relatur: **Krzysztof BALON**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 2.5.2022
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	3.5.2022
Adottata fil-plenarja	18.5.2022
Sessjoni plenarja Nru	569
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	210/3/4

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, fil-viċinanza immedjata tal-fruntieri esterni tal-UE, hija sitwazzjoni imprevedibbli li tinfluwenza b'mod profond id-dinja tagħna. Minħabba l-immensità tal-impatti tagħha, li huma komprensivi u li wieħed jippreżumi li se jdumu fit-tul fil-livelli kollha, u li qed jirriżultaw ukoll f'għadd bla preċedent ta' refuġjati – l-akbar ammont mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn – din tikkostitwixxi, storikament, l-akbar theddida għall-funzjonament taż-żona Schengen u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

1.2. Il-KESE japprezza ħafna l-ewwel attivazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE ([1]) ("Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja") fil-kuntest tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([2]). Barra minn hekk, il-Kumitat jixtieq jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tikkunsidra li twessa' l-użu u l-attivazzjoni tad-Direttiva għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjonijiet futuri ta' kriżi severa u urġenti. L-attivazzjoni attwali tad-Direttiva tajjeb tintuża wkoll għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12)

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

1.3. F'dan il-kuntest, il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-ħtieġa urġenti għal regolamenti Ewropej komuni effettivi, ġenwini, umani – u umanitarji – dwar il-migrazzjoni, l-asil u l-kooperazzjoni fis-sigurtà f'żona Schengen miftuħa, iżda ugwalment sigura, f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-Kumitat jinkoraġġixxi bis-sħiħ kundizzjonijiet aħjar għar-refuġjati kollha.

1.4. Il-konsegwenzi tal-gwerra huma wkoll theddida għall-mudell Ewropew tal-ekonomija soċjali tas-suq kif ukoll għal-libertà u d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u ta' abitanti oħrajn. Il-KESE jħeġġeġ il-preżervazzjoni u l-apprezzament taż-żona Schengen kif inhi kostitwita bħalissa, biex jiġi garantit mhux biss il-moviment liberu tal-bnedmin, iżda wkoll il-funzjonament tas-Suq Uniku.

1.5. Waqt il-kriżi tal-COVID-19, bosta Stati Membri introduċew kontrolli fil-fruntieri u restrizzjonijiet oħra kontra l-libertà ta' moviment mingħajr ebda sforzi biex jiġu koordinati u ġustifikati b'mod xieraq tali restrizzjonijiet fil-livell Ewropew, minkejja li, kif diġà ġie ddikjarat f'Opinjoni preċedenti, iż-żamma tal-fruntieri miftuħa hija kruċjali għall-funzjonament sħiħ tas-Suq Uniku, għall-irkupru u ż-żieda tar-reżiljenza, u għat-trawwim tas-solidarjetà u l-identità Ewropea. Dan juri wkoll ħtieġa għal mekkaniżmu tat-teħid ta' deċiżjonijiet "f'ħin reali" fil-livell interistituzzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Fi kwalunkwe każ, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-fruntieri interni miftuħin, anki matul sitwazzjonijiet ta' kriżi. Kwalunkwe restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar bejn l-Istati Schengen imposti bħala riżultat ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi jridu jkunu temporanji u m'għandhomx jeċċedu r-restrizzjonijiet possibbli fuq l-ivvjaġġar ġewwa l-Istati Membri.

1.6. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-użu ta' verifiki u kooperazzjoni mill-pulizija, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni, għandu l-potenzjal li jrendi l-istess riżultati tal-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni, u huma inqas intrużivi għall-moviment liberu ta' persuni, oġġetti, u servizzi. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jilqa' l-istabbilment ta' grupp informali ta' esperti kompost minn esperti minn kull Stat Membru li jagħtu konsulenza u appoġġ lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri; il-KESE jipproponi li jkunu inklużi organizzazzjonijiet rilevanti u rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-Kumitat inniffsu, fix-xogħol ta' dan il-grupp informali ta' esperti.

1.7. F'dan il-kuntest ukoll, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa assoluta għaż-żamma tal-indipendenza tal-ġudikatura, b'mod partikolari f'każi ta' preżenza fiżika tal-korpi ġudizzjarji fuq il-post tal-Punt Uniku ta' Kuntatt. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (speċjalment l-"għassiesa" jew dawk li jaħdmu fil-qasam tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli, inklużi l-migranti), għandhom igawdu minn protezzjoni speċjali fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni mill-Punti Uniċi ta' Kuntatt.

1.8. Il-KESE jirrikonoxxi l-attivitajiet ambizzjużi ta' ġbir tad-data li se jiġu żviluppati mill-Istati Membri fil-qafas ta' Prüm II. Prüm II imur pass konsiderevolment oltre minn Prüm I, billi jeżiġi lill-Istati Membri jibnu installazzjonijiet tekniċi għat-tfassil ta' profil tal-wiċċ. F'dan il-kuntest, il-Kumitat huwa mħasseb dwar il-periklu li jinfluwenza l-iskambju tad-data diġitali, speċjalment, minħabba s-sitwazzjoni reċenti u mhux trasparenti ta' gwerra fl-Ewropa.

1.9. Il-KESE jappella għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' kontroll aktar bir-reqqa u frekwenti biex jiġu żgurati standards etiċi għoljin fil-ġbir u l-ħżin tad-data mill-Europol, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi terzi, kif ukoll għall-istabbiliment ta' limiti ta' żmien ċari dwar il-ħżin ta' din id-data. Il-KESE jirrakkomanda l-monitoraġġ regolari tal-attivitajiet tal-Europol mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi oħrajn rilevanti jew dawk potenzjalment affettwati.

1.10. Il-KESE jirrikonoxxi bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tal-persuni li jaslu fil-fruntieri Ewropej u dawk ta' Schengen, u d-dritt prinċipali tagħhom li jitolbu permess għad-dħul u d-dritt li japplikaw għall-asil. Għal darb' oħra jixtieq ifakkar ir-rispett tad-dritt ta' *non-refoulement*.

1.11. Il-KESE jsejjaħ lill-Istati Membri sabiex jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltà kondiviża, kif introdotta permezz tal-mekkaniżmu flessibbli ta' solidarjetà fil-Patt Ġdid dwar il-l-Migrazzjoni u l-Asil. Għandhom ikunu proattivi biex joffru solidarjetà lil Stati Membri oħra, fuq kollox f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

1.12. Il-KESE jinnota b'mod partikolari r-rwol pożittiv indispensabbli tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rispettivi li jipprovdu għajnuna umanitarja lill-migranti li jkunu strumentalizzati minn pajjiżi terzi, u, barra minn hekk, jappoġġjaw u jagħtu informazzjoni dwar id-drittijiet tal-migranti u tal-applikanti għall-asil. L-aċċess tal-organizzazzjonijiet għall-migranti u l-applikanti għall-asil fiż-żoni tal-fruntiera affettwati għandu dejjem ikun garantit. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu intitolati li jirċievu appoġġ finanzjarju effettiv u ssemplifikat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-finanzjament Ewropew bħalma hija l-Assistenza ta' Emerġenza tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF).

1.13. Il-KESE jipproponi l-installazzjoni ta' programmi fuq skala kbira ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni biex itejbu l-fehim pubbliku dwar il-migrazzjoni bħala fenomenu ġeneralment pożittiv, ikkoordinati b'mod ċentrali, u implimentati minn kull Stat Membru.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Din l-Opinjoni qed tiġi abbozzata fiż-żmien tal-ikbar theddida storika għall-funzjonament taż-żona Schengen u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, ikkawżata mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna fil-viċinanza immedjata tal-fruntieri esterni tal-UE. Din is-sitwazzjoni ta' gwerra, li hija wkoll sors ta' numru bla preċedent ta' migranti u refuġjati, l-akbar wieħed mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, għal darb'oħra tenfasizza l-importanza tremenda tas-sigurtà fil-fruntieri esterni u l-istabbiltà taż-żona Schengen, bħala prekondizzjoni ta' sigurtà interna, u, fuq kollox, il-ħtieġa ta' regolamenti komuni Ewropej effettivi, ġenwini, umani – u umanitarji – dwar il-migrazzjoni u l-asil.

2.2. Fiż-żona Schengen jgħixu aktar minn 420 miljun persuna f'madwar 26 pajjiż. It-tneħħija tal-kontrolli tal-fruntieri interni bejn l-Istati Membri ta' Schengen hija parti integrali mill-istil ta' ħajja Ewropew: kważi 1,7 miljun persuna joqogħdu fi Stat Membru ta' Schengen wieħed u jaħdmu f'ieħor. In-nies bnew ħajjithom madwar il-libertajiet offruti miż-żona Schengen, bi 3,5 miljun persuna jaqsmu kuljum bejn l-Istati Membri ta' Schengen.

2.3. Fl-20 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat adotta l-Opinjoni tiegħu dwar "Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ" tal-Kummissjoni ([3]). Il-Kumitat laqa' b'sodisfazzjon din l-Istrateġija, u jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu pożizzjoni aktar b'saħħitha bħala appoġġ għall-ivvjaġġar mingħajr fruntieri fl-Ewropa. Il-KESE enfasizza li t-tħassib tal-Istati Membri dwar is-sigurtà huwa indirizzat aħjar b'aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi milli bl-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

2.4. Fl-istess waqt, il-Kumitat jixtieq itenni t-tħassib tiegħu dwar l-esklużjoni kontinwa mill-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen tal-Istati Membri tar-Rumanija, il-Bulgarija u l-Kroazja. Flimkien mal-Kummissjoni, huwa jitlob li tittieħed azzjoni rapida u deċiżiva mill-Kunsill f'dan ir-rigward. Barra dan, il-Kumitat jixtieq jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tiffinalizza l-valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen ma' Ċipru wkoll. Il-Kumitat tenna wkoll li fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE għall-ġestjoni tal-fruntieri, l-interoperabbiltà, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-asil kif ukoll il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġustizzja kriminali, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu f'kull ħin marbuta bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

2.5. Fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, f'Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet regoli aġġornati biex issaħħaħ il-governanza fiż-żona Schengen ([4]). Il-bidliet immirati se jġibu koordinazzjoni akbar tal-UE u se jgħammru aħjar lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi emerġenti fil-ġestjoni kemm tal-fruntiera esterna kif ukoll tal-fruntieri interni komuni tal-UE fiż-żona Schengen. L-aġġornament għandu l-għan li jiżgura li l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni tibqa' miżura tal-aħħar istanza. Ir-regoli l-ġodda jintroduċu wkoll għodod komuni għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-fruntieri esterni f'każ ta' kriżi tas-saħħa pubblika, li jibnu fuq it-tagħlimiet miksuba mill-pandemija tal-COVID-19. L-istrumentalizzazzjoni tal-migranti hija indirizzata wkoll fl-aġġornament tar-regoli ta' Schengen, kif ukoll fi Proposta parallela, li tindirizza l-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu fl-oqsma tal-asil u r-ritorn f'sitwazzjoni bħal din ([5]).

2.6. Ir-regoli aġġornati ġew ippubblikati f'forma ta' ħames proposti fir-rigward tal-Unjoni tas-Sigurtà u l-ftehim ta' Schengen. B'kunsiderazzjoni tan-natura mhux leġiżlattiva ta' waħda mill-proposti, l-Opinjoni preżenti tiffoka fuq erba' proposti, fosthom direttiva dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri ([6]), u regolament dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija ([7]), regolament li jindirizza s-sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil ([8]) u regolament li jemenda l-Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera ([9]).

([3]) COM(2021) 277 final.
([4]) COM(2021) 891 final .
([5]) COM(2021) 890 final.
([6]) COM(2021) 782 final.
([7]) COM(2021) 784 final.
([8]) COM(2021) 890 final.
([9]) COM(2021) 891 final.

2.7. Madankollu, il-KESE jemmen b'mod qawwi li l-miżuri u l-emendi addizzjonali, speċifiċi u temporanji introdotti fil-partijiet kollha tal-pakkett ta' Schengen u ffukati fuq il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri se jirrispettaw id-dritt u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-libertà ta' moviment u ta' residenza (Art. 45), kif ukoll id-dritt għall-ażil (Art. 18) u l-prinċipju ta' *non-refoulement* (Art. 19), kif enfasizzat b'mod ċar fil-proposti.

2.8. Kif intqal band'oħra ([10]), in-narrattiva tal-migrazzjoni u s-sigurtà impliċita fid-dokumenti proposti teħtieġ li tiġi riformulata b'mod prudenti. Il-konfigurazzjoni tal-migrazzjoni bħala theddida, u d-diskors li jippreżenta lill-migranti bħala periklu, jiddiżumanizzaw lill-bnedmin u jiffavorixxu biss lil dawk li jridu jieħdu vantaġġ minnhom għal raġunijiet ġeostrateġiċi jew politiċi nazzjonali. Il-migrazzjoni għandha titqies bħala valur pożittiv. L-immigranti saru indispensabbli u kontributuri kulma jmur meħtieġa għas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna.

3. **Kummenti speċifiċi rigward il-pakkett tal-Unjoni tas-Sigurtà**

3.1. *Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri (COM(2021) 782 final)*

3.1.1. L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta huwa li tillegiżla dwar aspetti organizzattivi u proċedurali tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-UE bl-għan li tikkontribwixxi għall-iskambju effettiv u effiċjenti ta' tali informazzjoni, u b'hekk tipproteġi żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ u reżiljenti.

3.1.2. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-użu ta' verifiki u kooperazzjoni mill-pulizija, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni, għandhom il-potenzjal li jrendu l-istess riżultati tal-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni, u huma inqas intrużivi għall-moviment liberu ta' persuni, oġġetti u servizzi. Fl-istess waqt il-KESE jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni li tali miżuri għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali, inklużi r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data f'konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE. Kif intqal qabel ([11]), jeħtieġ li jkun hemm bilanċ aħjar bejn id-drittijiet fundamentali tal-individwi minquxa fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-ħtieġa li jiġi żgurat infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, sabiex tiġi żgurata klima ta' sigurtà u ġustizzja fl-UE. Kwalunkwe żbilanċ jew ksur tad-drittijiet fundamentali għandu jkun monitorjat u rappurtat bir-reqqa mill-aġenziji tal-UE u atturi esterni.

3.1.3. Konsegwentement, il-Kumitat jilqa' l-istabbiliment ta' grupp informali ta' esperti magħmul minn esperti minn kull Stat Membru biex jagħtu pariri u jappoġġjaw lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ u l-applikazzjoni tad-Direttiva, inkluż fit-tħejjija ta' dokumenti ta' gwida tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest il-KESE jipproponi li jiġu inklużi organizzazzjonijet rilevanti u rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili kif ukoll il-KESE nniffsu fix-xogħol tal-grupp informali ta' esperti.

3.1.4. Il-KESE jixtieq itenni l-kunsiderazzjoni u l-inklużjoni fil-monitoraġġ tal-iskambju tad-data tal-linja bażi tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata: id-definizzjonijiet ta' reat kriminali (serju) ([12]) kif ukoll l-iżgurar li n-naħat kollha, dawk li jitolbu kif ukoll dawk li jwieġbu, isegwu dawn l-istess definizzjonijiet u l-istess linji bażi għalih.

3.1.5. Fil-kuntest tal-kapaċitajiet tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt, inkluż li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti li jagħtu l-awtorizzazzjonijiet ġudizzjarji meħtieġa f'kull ħin, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa u l-obbligu assolut għaż-żamma tal-indipendenza tal-ġudikatura. Fil-prattika, dan jista' jkun partikolarment importanti f'każijiet tal-preżenza fiżika tal-korpi ġudizzjarji jew tar-rappreżentanti tagħhom fuq il-post tal-Punt Uniku ta' Kuntatt.

3.1.6. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment "l-għassiesa" (watch dogs) jew dawk li jaħdmu fil-qasam tal-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli, inlużi l-migranti, għandhom igawdu minn protezzjoni speċjali fir-rigward tal-provvista ta' informazzjoni mill-Punti Uniċi ta' Kuntatt, minħabba probabbiltà għolja ta' ħsara żejda għall-interessi vitali ta' tali persuni ġuridiċi.

([10]) Opinjoni tal-KESE SOC/707 (ĠU C 290, 29.7.2022, p. 90).
([11]) ĠU C 367, 10.10.2018, p. 84.
([12]) ĠU C 367, 10.10.2018, p. 84, par. 4.3.

3.2. *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II") (COM(2021) 784 final)*

3.2.1. Filwaqt li tibni fuq il-qafas tal-Prüm eżistenti (Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI ([13]) u 2008/616/ĠAI ([14]), inkluża l-Konvenzjoni Prüm), il-proposta għall-Prüm II timmira biex "issaħħaħ u timmodernizza l-qafas u tippermetti l-interoperabbiltà ma' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE". Eventwalment, l-inizjattiva għandha toħloq arkitettura ġdida "li tippermetti skambju aktar faċli u aktar rapidu ta' data bejn l-Istati Membri u li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali".

3.2.2. Il-KESE jirrikonoxxi l-attivitajiet ambizzjużi ta' ġbir ta' data li se jiġu żviluppati mill-Istati Membri. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenzi bl-implimentazzjoni ta' Prüm I, turi l-intensità taż-żmien għall-Istati Membri biex jistabbilixxu l-għodod għall-ġbir tad-data meħtieġa. Prüm II imur konsiderevolment oltre billi jeżiġi lill-Istati Membri jibnu installazzjonijiet tekniċi għat-tfassil ta' profil tal-wiċċ, li sa issa huwa biss preżenti parzjalment fl-Istati Membri. Li jintlaħaq livell kumparabbli ta' ġbir tad-data fl-Istati Membri kollha jista' jieħu ħafna żmien, u joħloq diffikultajiet fl-iżgurar tal-interoperabbiltà, tħassib li kien diġà ssemma ([15]). Il-Kumitat, barra minn hekk, huwa partikolarment imħasseb dwar il-periklu li jinfluwenza l-iskambju tad-data diġitali minħabba s-sitwazzjoni urġenti, kaotika u mhux trasparenti ta' gwerra reċentement fl-Ewropa.

3.2.3. Kif intqal qabel ([16]), il-protezzjoni tad-data personali, fl-ambitu tal-oqfsa legali adatti, jeħtieġ li tiġi rrispettata f'kull ħin, speċjalment f'każ ta' data personali sensittiva ħafna, bħal fl-ambitu tad-Deċiżjonijiet ta' Prüm. L-UE u l-KESE ikkummentaw dwar programm qafas ġenerali għat-trattament sensittiv biżżejjed tad-data fi ħdan l-UE ([17]).

3.2.4. Il-KESE jissottolinja li b'mod partikolari l-ħolqien mandatorju madwar l-UE tat-tfassil ta' profil tal-wiċċ u l-iskambju ta' tali data, anke jekk ikun f'forma ta' numri tar-rekords u formati kriptati, jeħtieġ li jiġi ttrattat b'delikatezza tremenda. Il-Parlament Ewropew, permezz tal-2020/2016(INI) ([18]), irrakkomanda li jittieħed pass lura u jkun hemm kawtela fl-għodod tat-tfassil ta' profil tal-wiċċ, mhux l-inqas għax ir-reġistrazzjoni u l-iskambju ta' immaġni tal-wiċċ tal-individwi jqiegħed lil dawk f'periklu li jintgħarfu. Għalhekk, il-KESE jqis b'ansjetà kbira l-proposta għall-istabbilment evidenti ta' banek nazzjonali tad-data għall-immaġnijiet tal-wiċċ kif ukoll l-iskambju tagħhom madwar l-UE bejn l-Istati Membri parteċipanti. Isejjaħ għal skrutinju ta' livell għoli tal-proporzjonalità u l-kunfidenzjalità f'termini ta' protezzjoni tad-data personali. Għalkemm il-KESE jirrikonoxxi bis-sħiħ l-objettiv ġenerali ta' din il-proposta li jirriżulta mill-għan ibbażat fuq it-Trattat li jsir kontribut għas-sigurtà interna fl-UE, l-applikazzjoni tat-tfassil ta' profili tal-wiċċ tista' titqies bħala mhux obbligatorja.

3.2.5. Barra minn hekk, il-KESE jinsab imħasseb dwar il-proposta għall-iskambju tar-rekords tal-pulizija bejn l-Istati Membri kollha, anki jekk ikunu parzjalment anonimizzati f'termini ta' numri ta' rekords u kriptati fit-trasferiment tagħhom. L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri differenti jidhru li għandhom standards differenti biex jiddefinixxu u jirreġistraw persuni suspettati u kriminali. L-iskambju fuq talba għat-tqabbil tad-data għalhekk jista' jiddependi mill-valutazzjoni ta' uffiċjali individwali tal-pulizija. Dan jista' jwassal għal sitwazzjonijiet fejn persuni suspettati fi Stat Membru partikolari, eż. b'rabta ma' attivitajiet favur id-drittijiet tar-refuġjati, jiddaħħlu fir-rekords kriminali ta' Stat Membru ieħor. Hawnhekk, id-drittijiet għall-aċċess u l-ħżin jeħtieġ li jkunu kunfidenzjali u ristretti b'mod ċar sabiex ma

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

([15]) ĠU C 105, 4.3.2022, p. 108.

([16]) ĠU C 105, 4.3.2022, p. 108.

([17]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.Strateġija Ewropea għad-data (COM(2020) 66 final), adottata fit-18 ta' Settembru, 2020; u l-Opinjoni tal-KESE (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 290).

([18]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar l-intelliġenza artifiċjali fil-liġi kriminali u l-użu tagħha mill-pulizija u mill-awtoritajiet ġudizzjarji f'materji kriminali, (2020/2016(INI)), (ĠU C 132, 24.3.2022, p. 17).

jipperikolawx id-drittijiet fundamentali b'mod sproporzjonat. Barra minn hekk, għandu jkun hemm kriterji solidi u skambjati stabbiliti għad-definizzjoni ta' reati (serji) u persuni suspettati kriminali. Ir-regoli diġà stabbiliti għandhom ikunu rispettati u infurzati f'dan ir-rigward ([19]).

3.2.6. Il-KESE jitlob l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' kontroll aktar bir-reqqa u frekwenti sabiex ikun żgurat il-ġbir etiku, fuq kollox b'rabta mal-pajjiżi terzi, u l-ħżin tad-data tal-Europol, kif ukoll l-istabbiliment ta' limiti taż-żmien ċari dwar dan il-ħżin ta' data. Kif issemma qabel, ir-rwol ċentrali tal-Europol fl-arkitettura Ewropea, fuq kollox fil-prevenzjoni tal-kriminalità transfruntiera u l-ġlieda kontra l-kriminalità, inkluż f'termini ta' skambju tad-data, huwa milqugħ; madankollu, dan ir-rwol jeħtieġ ikun rivedut indipendentement u vvalutat, anke mis-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati rilevanti, speċjalment dawk il-gruppi u individwi li ħajjithom tista' tintlaqat ħażin jew bla ġustifikazzjoni mill-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi ([20]). Il-Europol ġiet akkużata ripetutament li tgħaqqad flimkien data ta' persuni suspettati u kriminali flimkien ma' dik ta' persuni privati oħrajn ([21]). B'mod partikolari, jeħtieġ li jkun żgurat li ma jkunx hemm trikkib mhux adegwat ma' kwistjonijiet ta' migrazzjoni uażil. Il-KESE jirrakkomanda l-monitoraġġ regolari tal-attivitajiet tal-Europol mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi oħrajn rilevanti u potenzjalment affettwati, u barra minn hekk, jipproponi li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' trasparenza.

4. **Kummenti speċifiċi rigward il-pakkett ta' Schengen**

4.1. *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (COM(2021) 891 final)*

4.1.1. Iż-żona Schengen tinkludi żona li fiha ċittadini tal-UE u ċittadini mhux tal-UE li huma residenti legalment fit-territorju, kif ukoll oġġetti u servizzi, jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli fil-fruntieri interni. Schengen huwa element essenzjali fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u element ewlieni għall-funzjonament tas-Suq Uniku. Il-ħolqien tagħha ġab miegħu benefiċċji soċjali u ekonomiċi sinifikanti għas-soċjetà Ewropea.

4.1.2. Filwaqt li emerġenzi tas-saħħa pubblika fuq skala kbira, bħal pandemiji, jistgħu jitqiesu bħala theddida serja għall-politika pubblika, m'għandhomx jitqiesu bħala raġuni għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri fiż-żona Schengen. Tali azzjoni ma tidhirx li hi miżura kostruttiva. L-istess għandu japplika għall-eżerċizzju tal-pulizija jew setgħat pubbliċi oħra fiż-żoni tal-fruntieri interni, li huma ekwivalenti *de facto* għal dawk il-kontrolli fil-fruntieri. Kwalunkwe restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar bejn l-Istati Schengen abbażi ta' emerġenzi tas-saħħa pubblika fuq skala kbira m'għandhomx jeċċedu r-restrizzjonijiet possibbli tal-ivvjaġġar fl-Istati Membri. Inkella l-kunċett kollu ta' żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni: "parti mid-DNA tal-Ewropa" ([22]) se jiġi mminat. Barra dan, tali regolamenti jistgħu jdgħajfu l-isforzi favur politika tas-saħħa komuni Ewropea, speċjalment fil-qasam tal-kontroll epidemiku.

4.1.3. Il-KESE jilqa' t-tentattiv tal-Kummissjoni li tintroduċi salvagwardji proċedurali ġodda f'każ ta' introduzzjonijiet mill-ġdid unilaterali ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Il-proposta tixtieq tikkjarifika u tespandi l-lista ta' elementi li għandhom jiġu vvalutati mill-Istat Membru meta jieħu deċiżjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja jew l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntieri. Il-Kummissjoni se tkun meħtieġa toħroġ opinjoni dwar il-proporzjonalità u n-neċessità ta' dawn id-deċiżjonijiet u tniedi proċess ta' konsultazzjoni mal-Istati Membri. Il-KESE jħeġġeġ il-kjarifika ulterjuri tas-salvagwardji proċedurali introdotti, fuq kollox bid-definizzjoni ta' limitu taż-żmien ċar għall-estensjonijiet potenzjali.

4.1.4. F'dan il-kuntest il-KESE jqis li d-distinzjoni bejn vjaġġar "essenzjali" u "mhux essenzjali" fiż-żona Schengen ukoll tippreżenta theddida serja għall-pedamenti ta' Schengen.

([19]) Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li thassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89) ("id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-liġi") u d-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1) ("id-Direttiva NSI").

([20]) ĠU C 341, 24.8.2021, p. 66.

([21]) A data "black hole": Europol ordered to delete vast store of personal data, Fotiadis, Apostolis et al., The Guardian 10 ta' Jannar 2022, https://www.theguardian.com/world/2022/jan/10/a-data-black-hole-europol-ordered-to-delete-vast-store-of-personal-data

([22]) Komunikazzjoni dwar "Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ" (COM(2021) 277 final).

4.1.5. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ, u barra minn hekk jitlob il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li l-limitazzjoni tal-punti ta' qsim tal-fruntiera jew il-ħinijiet tal-ftuħ tagħhom għandhom jikkunsidraw bis-sħiħ id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali. L-aċċess effettiv għall-punti ta' qsim tal-fruntiera għandu jkun żgurat, kif ukoll il-protezzjoni effettiva tad-dritt għall-asil.

4.1.6. Dan jorbot mat-tħassib tal-KESE li persuni maqbuda fil-fruntieri interni għandhom jiġu ttrattati b'dinjità u infurmati dwar id-drittijiet tagħhom minflok ma jiġu legalizzati forom ta' pushbacks interni. Tali approċċ iwassal għal riskju kbir li jiftaħ il-bibien beraħ għat-tfassil ta' profili razzjali bla kontroll. Għandha tkun prijorità assoluta li l-moviment liberu tal-persuni fiż-żona Schengen ikun żgurat. Il-kontrolli għandhom jitwettqu biss minn persunal imħarreġ b'mod adegwat u awtorizzat. L-azzjonijiet tagħhom għandhom ikunu monitorjati indipendentement b'mod każwali.

4.1.7. Il-KESE jenfasizza li l-verifiki mwettqa fi ħdan żoni fil-fruntiera interna kif ukoll esterna bl-użu ta' teknoloġiji ta' monitoraġġ u sorveljanza għandhom jiġu riveduti fir-rigward tal-proporzjonalità tagħhom. L-organizzazzjonijiet tad-drittijiet ċivili jistgħu jagħtu appoġġ fl-attivitajiet ta' reviżjoni u monitoraġġ.

4.1.8. Il-Kumitat jifhem l-għan tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 13 li tistabbilixxi proċedura komuni għall-Istati Membri biex jikkontrollaw u jissorveljaw il-fruntieri esterni tagħhom tal-UE u Schengen. Madankollu, ma jissemma xejn dwar l-aċċess għal proċedura leġittima għat-tiftix tal-asil jew forom alternattivi ta' aċċess għall-migranti, u lanqas dwar kwalunkwe parir legali relatat. Il-KESE jħeġġeġ sabiex id-drittijiet fundamentali tal-persuni li jaslu fil-fruntieri Ewropej u dawk ta' Schengen u d-dritt prinċipali tagħhom li jitolbu permess għad-dħul u d-dritt li japplikaw għall-asil dejjem jiġu rispettati. B'mod partikolari, persuni vulnerabbli, każi mediċi u minorenni għandhom jintlaqgħu u jiġu potenzjalment trasferiti b'kawtela. Kif intqal qabel, il-KESE huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur irrapportat fil-fruntieri esterni ([23]); fl-istess waqt, jirrikonoxxi l-attivitajiet msaħħa ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni ([24]).

4.1.9. Il-KESE jħeġġeġ b'mod ripetut lill-Kummissjoni tagħmel użu attiv mis-setgħat ta' infurzar tagħha skont it-Trattati f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' segwitu tan-nuqqasijiet misjuba matul l-Evalwazzjonijiet ta' Schengen ([25]). Għandha tingħata prijorità lill-prattiki sistemiċi li jiksru n-normi tad-drittijiet fundamentali. Dan huwa ta' importanza partikolari fil-każ ta' migranti vulnerabbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni m'għandhiex tiddependi biss mis-sejbiet tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen, iżda hi stess għandha timmonitorja wkoll b'mod attiv is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali b'referenza għal-liġi internazzjonali u bl-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet ċivili. Barra minn hekk, persunal dedikat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA), kif ukoll l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għandhom ikunu attivi fil-fruntieri esterni biex jissorveljaw l-osservanza tad-drittijiet fundamentali.

4.2. *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza s-sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil (COM(2021) 890 final)* ([26])

4.2.1. Minħabba l-kriżi f'ċerti partijiet tal-fruntiera esterna tal-UE fl-2021 u qabel, din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi "proċedura speċifika għall-ġestjoni ta' emerġenza tal-migrazzjoni u tal-asil, li tipprevedi miżuri ta' appoġġ u ta' solidarjetà għall-ġestjoni b'mod ordnat, uman u dinjituż tal-wasla ta' persuni li jkunu ġew strumentalizzati minn pajjiż terz, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali." Il-KESE jirrikonoxxi ċ-ċirkostanzi speċifiċi li wasslu lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu azzjoni effettiva, iżda jtenni t-tħassib tiegħu dwar l-introduzzjoni u n-normalizzazzjoni ta' miżuri rapidi fit-trattament ta' persuni migranti vulnerabbli mingħajr ma jingħata ħin u spazju biżżejjed biex jiġu żgurati d-drittijiet tagħhom ([27]).

4.2.2. Barra dan, ir-regoli riveduti ta' Schengen jirrikonoxxu r-rwol importanti li għandhom l-Istati Membri fil-fruntieri esterni f'isem l-Istati Membri kollha u l-Unjoni Ewropea fl-intier tagħha f'sitwazzjonijet fejn il-migranti jiġu strumentalizzati għall-fini politiċi. Il-KESE jirrikonoxxi dan ir-rwol, iżda jenfasizza li l-protezzjoni tal-fruntieri tal-UE jew Schengen ma tistax tintlaħaq mill-Istati Membri fil-fruntieri esterni biss. Isejjaħ lill-Istati Membri biex jappoġġjaw b'mod proattiv il-mekkaniżmu ta' solidarjetà propost hawnhekk, iżda fuq kollox biex jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltà kondiviża, kif ġiet introdotta permezz tal-mekkaniżmu flessibbli ta' solidarjetà fil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Asil.

([23]) ĠU C 105, 4.3.2022, p. 108.
([24]) ĠU C 105, 4.3.2022, p. 108.
([25]) ĠU C 105, 4.3.2022, p. 108.
([26]) Għal differenzjazzjoni ulterjuri ara l-Opinjoni tal-KESE REX/554 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([27]) ĠU C 123, 9.4.2021, p. 15.

4.2.3. Filwaqt li l-Kumitat jirrikonoxxi l-ħtieġa li tingħata gwida speċifika għal sitwazzjonijiet ta' natura partikolari, jeħtieġ ikun enfasizzat li d-definizzjoni proposta għal "strumentalizzazzjoni" għadha pjuttost vaga. Il-Kumitat iħeġġeġ biex dan l-approċċ jiġi skrutinizzat biex jiġi evitat l-abbuż potenzjali tal-kunċett f'termini tal-applikazzjoni wisq estensiva tiegħu. Barra dan, ifakkar li t-trattati mogħtija għall-użu u sitwazzjonijiet ta' kriżi tassew jipprevedu linji gwida u miżuri fundamentali. Il-KESE jenfasizza b'mod urġenti li d-drittijiet fundamentali tal-persuni u fuq kollox il-prinċipju ta' *non-refoulement* jeħtieġ li jiġu rispettati fiċ-ċirkostanzi kollha.

4.2.4. Il-KESE jenfasizza li l-kważi esternalizzazzjoni tal-proċedura għall-użil għall-fruntiera ta' barra tal-UE b'manjiera *ad hoc* tista' tkun diffiċli biex tiġi monitorjata u implimentata b'biżżejjed skrutinju u approċċ fundamentalment orjentat lejn id-drittijiet, partikolarment fir-rigward tal-kapaċitajiet tal-iskrinjar qabel id-dħul tal-Istati Membri, li diġà ġew ikkritikati band' oħra ([28]). Jeħtieġ ikun żgurat li l-Istat Membru affettwat ikollu l-kapaċità u l-installazzjonijiet meħtieġa għall-ġestjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza b'mod adegwat. Appoġġ minn Stati Membri oħrajn permezz tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà, minn Aġenziji ċentrali tal-UE, fuq kollox l-EUAA, kif ukoll l-NGOs u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-UNHCR, għandu għaldaqstant jiġi offrut u aċċettat b'mod proattiv u mhux fuq talba tal-Istat Membru affettwat biss.

4.2.5. Il-KESE jinnota b'mod partikolari r-rwol pożittiv u indispensabbli tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipprovdu għajnuna umanitarja lill-migranti li jkunu strumentalizzati minn pajjiżi terzi, fosthom ikel, ilma, ilbies, kura tas-saħħa adegwata u kenn temporanju, u barra minn hekk jappoġġjaw u jagħtu informazzjoni dwar id-drittijiet tal-migranti u tal-applikanti għall-użil. L-aċċess tal-organizzazzjonijiet għall-migranti u l-applikanti għall-użil fiż-żoni tal-fruntiera affettwati għandu dejjem ikun garantit. Tali organizzazzjonijiet għandhom ikunu intitolati biex jirċievu appoġġ finanzjarju effettiv u semplifikat fl-ambitu tal-finanzjament Ewropew bħall-Assistenza ta' Emerġenza tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF).

4.2.6. F'dan il-kuntest, huwa ta' importanza kbira li ma jittaffiex il-prinċipju ta' *non-refoulement*, iżda li jkun żgurat l-aċċess tan-nies għad-drittijiet u l-aċċess għal appoġġ legali u proċedura bbażata fuq id-drittijiet implimentata minn persunal ta' għarfien u kapaċi taħt is-superviżjoni tal-UNHCR u l-EUAA. Kif intqal band' oħra, il-Kumitat jinsab imħasseb ħafna dwar l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-migrazzjoni irregolari u l-hekk imsejjaħ ritorn volontarju jew furzat ([29]).

4.2.7. Barra dan, għandu jkun żgurat li jiġu kkunsidrati raġunijiet alternattivi għad-dħul, bħar-riunifikazzjoni tal-familji.

4.2.8. Il-KESE juri tħassib dwar l-aspett ta' akkomodazzjoni tal-migranti u l-applikanti għall-użil matul il-proċess ta' reġistrazzjoni tagħhom b'mod partikolari. Jeħtieġ ikun żgurat li l-Istati Membri jkunu kapaċi jakkomodaw lill-persuni bl-iktar mod xieraq u dinjituż mingħajr id-detenzjoni tagħhom b'mod awtomatiku. Għandha tiġi evitata restrizzjoni enormi tal-libertà ta' moviment tal-persuni kkonċernati. Is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet umanitarji għandhom jingħataw aċċess għall-monitoraġġ.

Brussell, it-18 ta' Mejju 2022.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

([28]) ĠU C 123, 9.4.2021, p. 15.
([29]) ĠU C 517, 22.12.2021, p. 86.